MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 30/2009

**A B**

**-vs-**

**1. C D f'isimha proprju u kif ukoll in rapprezentanza u fl-interess tal-minuri E B kif nominata bid-digriet tat-12 ta' Mejju 2009**
**u**
**2. Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan ippremetta:

Illi l-attur ikkonkluda att ta' separazzjoni personali mal-konvenuta martu C D mit-28 ta' Marzu 2008 u sia minn dan iz-zmien kollu u kif ukoll sia wkoll minn perijodu twil hafna qabel, huwa qatt ma kkoabita u/jew kellu relazzjonijiet intimi ma' martu;

Illi kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta’ registrazzjoni *omissis* (Dokument “A”) fl-24 ta’ Ottubru 2008, il-konvenuta, weldet tarbija ta’ sess maskil bl-isem ta’ E B, u hu sar jaf b’dan biss wara li nfurmawh terzi li t-tarbija kienet twieldet fl-Isptar Mater Dei;

Illi dan il-wild kjarament mhux ta’ l-attur, ghax kif jista ampjament jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, hu qatt ma kkoabita u/jew kellu relazzjonijiet intimi ma’ martu bejn it-tlett mitt u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija ghax kien separat de facto l-ewwel u sussegwentement ukoll *de jure* minn martu l-konvenuta (Dokument “B”);

Illi, cio’ nonostante, t-tarbija fl-Att tat-Twelid Dokument “A” tidher registrata fuq isem l-attur bhala l-missier u hu jrid jichad kategorikament il-paternita’ ta’ l-istess tarbija;

Illi ghalhekk l-attur ghandu interess illi jipprocedi sabiex tigi denegata l-paternita’ tal-imsemmija tarbija skond il-Ligi;

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-attur mhux missier il-minuri E B, iben il-konvenuta C D kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru progressiv ta’ Registrazzjoni *omissis* (Dokument “A”) u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta’ l-imsemmi E B li jgib in-numru progressiv ta’ registrazzjoni *omissis* u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, “Professjoni, sengha jew stat iehor”, “eta’”, “fejn twieled”, “fejn joqghodu” u “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” u minflok jidhol il-kliem “unknown father” jew “father unknown”/jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D fejn eccepiet:

Illi l-eccipjenti taqbel ma’ l-ewwel talba rikorrenti;

Illi l-eccipjenti taqbel li l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta’ l-imsemmi E B li jgib in-numru progressiv ta’ registrazzjoni *omissis* u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem ir-rikorrent ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, “Professjoni, sengha jew stat iehor”, “eta’”, “fejn twieled”, “fejn joqoghdu” u “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” u minflok jidhol l-isem ta’ F G li huwa missier naturali tat-tarbija;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi n-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att tat-Twelid ghandu jigi korrett mill-ewwel u t-tieni talba u mit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat stante li dan ghandu jaqra *omissis (numru)* tas-sena 2008.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jintlaqghu jehtieg li l-kliem “the said” jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettali ta’ l-omm. Inoltre, jekk it-talbiet jintlaqghu l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.
Rat id-dokumenti prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-fatti kif elenkati fir-rikors promotur jirrizultaw pruvati, senjatament kemm mir-risposta guramentata ta’ l-istess omm kif ukoll mill-analizi xjentifici li r-rizultati taghhom gew konfermati mill-Ispizjara li effettwathom.

Il-Qorti, ikkunsidrat ukoll illi, ghalkemm l-intimata semmiet min hu l-missier biologiku tal-istess minuri, dan qatt ma ssejjah fil-kawza u ghalhekk ma jistax jigi kkunsidrat f’dawn il-proceduri.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi A B m’huwiex missier il-minuri E B, iben C D kif jidher fl-att tat-twelid Numru *omissis*;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jeffettwa l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid Numru *omissis*# u dan a tenur tat-tieni talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**# B’digriet tal-5 ta’ Novembru 2009 in-numru tac-certifikat tat-twelid gie korrett u ghandu jaqra *omissis*.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------